**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum 9 ta' Novembru 2023**

Rikors Numru: 44/2021 AL

**A B,**
**vs**

**1. C D E F**
**2. Direttur tar-Registru Pubbliku**
**Dr Noel Bartolo u PL Gillian Muscat b'digriet tat-18 ta' Marzu 2021 ġew nominati bħala Kuraturi deputati in rappreżentanza tal-minuri G H E F u b'digriet tat- 2 ta' Ġunju, 2021 Dr Noel Bartolo ġie estromess mill-kawża u Dr Leontine Calleja ġiet maħtura kuratur deputat minfloku u b'digriet tal-4 ta' Novembru 2021 ġiet sostitwita b'Dr Martha Mifsud**

Rat ir-rikors ġuramentat[1] ta' Ġiuseppe d'Aniello li permezz tiegħu ppremetta :

1. Illi minn relazzjoni bejn l-attur u l-konvenuta, fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Settembru tal-elfejn u għoxrin (2020) twieled tarbija li ingħata l-isem ta' G

[1] Fol 1

H E F u dan kif jidher minn vera kopja taċ-Ċertifikat tat-Twelid relattiv illi qed jiġi hawn anness u eżebit u mmarkat bhala Dok. A;

2. Illi skont l-istess ċertifikat tat-twelid surreferit missier il-minuri G H E F huwa indikat bħala "Unknown Parent";

3. Illi l-attur jixtieq jgħaraf lill-minuri G H E F bħala l-wild naturali tiegħu ghall-finijiet u effetti kollha tal-liġi;

4. Illi minkejja li l-attur innotifika lill-konvenuta b'ittra uffiċjali datata tnejn u għoxrin (22) ta' Ottubru tal-elfejn u għoxrin (2020) numru [99/2020] skont l-artikolu 86 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, hija baqgħet ma weġbitx fil-forma u ż-żmien li trid il-liġi;

5. Illi dawn il-fatti kif hawn dikjarati huma kollha a diretta konoxxenza tal-attur;

Talab lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-attur A B huwa l-missier naturali tal-minuri G H magħruf bil-kunjom E F

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex ċ-ċertifikat tat-twelid tal- minuri jiġi emmendat, fis-sens illi jiġu mneħħija l-kliem 'Unknown Parent' miċ- ċertifikat tat-twelid tal-minuri u minflok jitnissel isem l-attur A B bħala missier tal-minuri, u kif ukoll, jiġi miżjud, kull fejn jeħtieġ referenza għall-attur, senjament iżda mhux biss, ismu, kunjomu, il-post tat-twelid tiegħu, il-post tar- residenza tiegħu, isem u kunjom l-attur u jekk l-istess hux ħaj jew mejjet, l-etatal- konvenut u kwalsiasi tagħrif ieħor relattiv għall-attur li jidher mill-att tat-twelid ċitat.

3. Tordna wkoll lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fil-kolonna ntestata 'Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa u l-kunjom' jitħassar il- kunjom E F u jiġi sostitwit skond l-ordni tal-Qorti bil-kunjom tal-attur 'B'.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti inkluż dawk tal-ittra uffiċjali datata tnejn u għoxrin (22) ta' Ottubru tal-elfejn u għoxrin (2020) numru 99/2020] u l-konvenuti kollha huma minn issa nġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti tal-attur[2];

Rat ir-rikors b'urġenza[3] tal-konvenuta għall-estensjoni taż-żmien għar-risposta tagħha sabiex id-difensur assenjat lilha jkollu iktar żmien sabiex iwieġeb għar-rikors promotur;

Rat id-digriet tat- 12 ta' Marzu, 2021;

Rat ir-rikors tal-attur[4] fejn talab sabiex jiġu nominati kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-minuri G H E F fl-atti tal-kawża u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti;

Rat l-Avviż mir-Reġistru Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja);[5]

Rat id-digriet bl-appuntament għas-smiegħ;[6]

Rat l-Avviż ippublikat fil-Gazzetta tal-Gvern[7];

Rat ir-Risposta Ġuramentata[8] tal-konvenuta li permezz tagħha eċċepiet:

1. Illi preliminarjament, l-esponenti tiddikjara li r-rikors guramentat huwa null stante li mill-fotokopja tar-rikors guramentat li hija rċeviet, minn mkien ma jirriżulta li r-rikorrent ha l-ġurament meta ppreżenta r-rikors tiegħu.

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti tiddikjara li l-attur huwa il-missier naturali tal-minuri G H E F

[2] Fol 3
[3] Fol 10
[4] Tal-5 ta' Frar, 2021 a fol 16
[5] Fol 23
[6] Fol 24
[7] Fol 25
[8] Fol 27

3. Illi l-esponenti toġġġezzjona għat-tielet talba b'dan illi hija ma taqbilx li għandu jitħassar il-kunjom "E F" li bih huwa diga' magħruf il-minuri G H. Lesponenti hija tal-umli fehema li, jekk kemm-il darba jitlaqgħu it-talbiet ta' l-attur, il-kunjom li bih għandu jkun imsejjah il-minuri għandu jkun "E F B".

4. Illi rigward l-ispejjeż mitluba mill-attur fir-rikors guramentat, l-esponenti tiddikjara li kien l-istess attur li waqt li kien preżenti hawn Malta, huwa kien infurmaha li ma kellhiex għalfejn tinkwieta dwar l-ittra uffiċjali li kienet irċeviet u li kollox kien ser ikun sew. Hija, bhala persuna barranija u li mhix familjari ma' kif tithaddem il-proċedura f'pajjiżna, ma deherilhiex li kellha tirrispondi, iktar u iktar meta l-esponent ma tifhem xejn bil-Malti u ftit li xejn bl-islien IngliżDawn kienu l-ilsna li bihom hija kienet notifikata meta rċeviet l-ittra uffiċjali in kwistjoni.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri

Bl-ispejjeż.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta[9];

Rat il-verbal tal-udjenza ta' 5 ta' Mejju, 2021 fejn il-Qorti laqgħat it-talba tal-konvenuta biex dawn il-proċeduri jsiru bil-lingwa Ingliża;

Rat id-digriet tat-2 ta' Ġunju, 2021[10] il-kuratur deputat Dr Noel Bartolo ġie sostitwit peress li ġie elevat għall-Maġistrat. Il-Qorti orndat l-estromissjoni tiegħu bħala kuratur tal-minuri u floku ġiet maħtura Dr Leontine Calleja;

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku li permezz tiegħu espona:[11]

---

[9] Fol 28
[10] Fol 34
[11] Fol 38

1. As a preliminary point, the exponent pleads that on the merits of the case, and with particular reference to the paternity of the minor G H E F, naturally, he does not have any knowledge of the facts that have been declared by the plaintiff in the sworn application and therefore defers to the procedural findings and to the judgment of this Honourable Court;

2. That from the sworn application submitted by the plaintiff, it would appear that genetic testing conducted confirms that the same A B is the biological father of the minor. The exponent has no objections in this regard, provided that the contents of the technical report are duly sworn by the expert who executed the relative testing;

3. That without prejudice to the foregoing, in the event that this Honourable Court accedes to the requests of the applicant, the exponent invites the same A B to specify all his personal details by means of a note, namely: (1) his name and surname, (2) the identity card number, (3) his age at the time the minor was born, (4) his place of birth, (5) his place of residence when the minor was born, (6) the name and surname of both of his parents and (7) whether the plaintiff's parents were still alive when the minor was born. Such information is required so that eventually it is inserted in the Act of Birth of the minor A B;

4. That subordinately, and without prejudice to the foregoing, the parties to this case must definitively decide which surname is to be borne by the minor A B, and this in terms of Article 92 of Chapter 16 of the Laws of Malta;

5. That finally, the exponent submits that in any event, the applicant's action is not attributable to any act or fault on his part and therefore he should not be subjected to the costs of the current proceedings;

6. Subject to further pleas.

With costs against the applicant who is being summoned to testify with reference to his oath.

Rat il-lista tax-xhieda tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku[12];

[12] Fol 39

Rat ir-rikors tal-kuratur deputat Dr Leontine Calleja fejn talbet li tiġi sostitwita[13];

Rat id-digriet tal-4 ta' Novembru, 2021[14] fejn il-Qorti laqgħat it-talba u l-kuratur deputat Dr Leontine Calleja ġiet sostitwita bil-kuratur li jmiss skont it-turn;

Rat il-verbal tat- 12 ta' Jannar, 2022[15] fejn ġie reġistrat li l-kuratur deputat Dr Martha Mifsud ġiet notifikata fis-26 ta' Ottubru, 2021 iżda ma ppreżentatx risposta ġuramentata u għalhekk kienet kontumaċja. Illi fl-istesss udjenza ġiet nominata Dr Marisa Cassar bħala espert forensiku sabiex isiru l-eżamijiet forensiċi meħtieġa;

Rat ir-rikors tal-attur tas- 7 ta' Frar, 2022[16] fejn huwa talab li jibda jkollu aċċess għall-minuri;

Rat id-digriet tal-15 ta' Marzu, 2022[17], fejn il-Qorti laqgħat it-talba tal-attur u ordnat li jkollu aċċess darba fil-ġimgħa;

Rat il-verbal tal-10 ta' Mejju, 2022 fejn il-partijiet qablu li l-aċċess tal-attur jsir jkun f'post, data u ħin li dejjem jiġi miftiehm bejn l-avukati difensuri tal-partijiet;

Rat l-affidavit tal-espert forensiku;[18]

Rat ir-rikors tal-konvenuta tas-7 ta' Lulju, 2022 fejn talbet lill-Qorti sabiex tirrevoka *contrario imperio* id-digriet tal-15 ta' Marzu, 2022, u rat ir-risposta tal-attur[19];

Rat id-digriet tal-11 ta' Awwissu, 2022[20] li permezz tal-istess il-Qorti ċaħdet it-talba tal-konvenuta;

Rat iċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri G H E F[21];

---

[13] Fol 43
[14] Fol 44
[15] Fol 46
[16] Fol 52
[17] Fol 55
[18] Fol 58a
[19] Fol 65a
[20] Fol 70
[21] Dok A fol 7

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet;[22]

Rat id-digriet tagħha tas-6 ta' Novembru 2023 fejn il-Qorti revokat contrario imperio id-digriet tagħha tal-5 ta' Mejju, 2021, fejn kienet ordnat li l-proċeduri jiġu kondotti bil-lingwa Ingliża;

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-llum;

## KONSIDERAZZJONIJIET

### 1. L-Azzjoni Odjerna

Illi l-attur qed jitlob li jiġi magħruf bħala l-missier naturali tal-minuri G H E F imwieled minn relazzjoni li kellu mal-konvenuta C D E F fid-29 ta' Settembru 2020.[23] Sal-lum, il-minuri huwa dikjarat bħala iben missier mhux magħruf u jġorr il-kunjom tal-omm ossija E F B'hekk l-azzjoni qiegħda ssir ai termini tal-Artikolu 86 tal- Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta

Il-konvenuta, min-naħa tagħha, ammettiet it-talba tar-rikorrent fis-sens li ikkonfermat li huwa minnu li l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri. Madanakollu u kif jirriżulta mir-risposta ġuramentata tagħha ma taqbilx li għandu jitħassar il-kunjom Rodriguez Coste mill-kunjom tal-minuri u topponi u tikkontesta l-ispejjeż mitluba mill-attur u dan għar-raġunijiet indikati fir-risposta ġuramentata tagħha.

### Prinċipji Legali

Artikolu 86 subinċiż 1 tal-Kodiċi Ċivili jaqra hekk:

*"(1) Iben jew bint imnisslin jew imwielda barra miż-żwieġ jistgħu jiġu magħrufin mill-ġenituri, sew mit-tnejn flimkien kif ukoll separatament:*

*Iżda meta l-persuna li tagħraf ruħha bħala l-ġenitur li ma wiledx hija minuri, l-għarfien huwa null:*

[22] Waqt l-udjenza tat-13 ta' Ġunju, 2023

*Iżda wkoll l-għarfien ta' iben jew bint imwielda barra miż-żwieġ minn persuna li tgħid li tkun il-ġenitur li ma wiledx, li jsir separatament mill-ġenitur li wiled, ma jkollu ebda effett u ma jiġix reġistrat kemm-il darba l-ġenitur l-aħħar imsemmi, jew il-werrieta tiegħu jekk dan ikun mejjet, u l-iben jew il-bint infushom jekk ikunu laħqu l-età, ma jkunux ġew notifikati b'ittra uffiċjali minn persuna li jkollha interess li fiha jkun hemm dikjarat li dik il-persuna tkun bi ħsiebha tapplika għar-reġistrazzjoni ta' dak l-għarfien, u l-ġenitur li wiled jew il-werrieta tiegħu, kif ikun il-każ, u l-iben jew il-bint ma jkunux fi żmien xahrejn minn tali notifika, permezz ta' nota preżentata fl-atti tal-imsemmija ittra uffiċjali, qablu li ssir dik ir-reġistrazzjoni, f'liema każ dik l-ittra uffiċjali u n-nota ta' ftehim li turi l-qbil għandhom jiġu notifikati lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li għandu jirreġistra l-imsemmi għarfien fl-atti relattivi tal-istat ċivili:*

*Iżda wkoll meta l-ġenitur li wiled jew l-iben jew il-bint li jkollhom l-età ma jkunux kif hawn qabel imsemmi jaqblu ma' dik ir-reġistrazzjoni, kull persuna interessata tista' tmexxi b'rikors quddiem il-qorti kompetenti kontra l-persuna jew il-persuni li ma jkunux hekk qablu, biex il-qorti tiddikjara li l-persuna li tkun għamlet l-għarfien hija l-ġenitur li ma wiledx u biex tordna r-reġistrazzjoni ta' dak l-għarfien fl-atti relattivi tal-istat ċivili".*

Illi l-Qorti tinnota li fir-rikors ġuramentat tiegħu l-attur jirreferi għall-ittra uffiċjali numru 99/2020 fejn ai termini tal-artikolu 86 tal-Kap16 interpella l-konvenuta. Fir-risposta ġuramenata tagħha l-konvenuta tgħid li rċeviet ittra uffiċjali. Għalhekk il-proċedura meħtieġa ġiet segwita.

**Provi:**

<u>Provi tal-attur</u>

L-attur ippreżenta l-affidavit t'ommu I J bil-lingwa Taljana kif ukoll traduzzjoni tal-istess bil-lingwa Ingliża.

Fl-affidavit tagħha tgħid li l-konveuta kienet is-sieħba ta' binha A B u mir-relazzjoni tagħhom twieled il-minuri G H E F. Skontha, il-konvenuta ta' spiss kienet tgħidilha li riedet twelled hawn Malta kif ukoll: "*and not to recognise A B as the natural father of her future child; on the contrary, she would find another man to replace the father figure and would tell the child that the latter was the real father.*

*.-omissis-*

*On th 29/6/2020, the day of my Saint's Day I remember that Mrs C D E Finformed me in person that she would not declare at the registry office of the child that was about to be born and that she would replace the biologiical father (my son A B) with another man"*[24]

Il-Qorti tagħmel referenza għan-nota tal-attur datata 1 ta' Frar, 2022[25], fejn b'referenza għat-tielet eċċezzjoni tad-Diretturtar-Reġistru Pubbliku, l-attur ippreżenta s-segwenti dettalji:

I. Isem u Kunjom- A B
II. Karta tal-Identita` Taljana bin-numru CA 61154AK
III. Eta` meta twieled il-minuri – erbgħin (40) sena
IV. Post tat-twelid tal-esponent- Napli, l-Italja
V. Residenti Via X , n.208131, Napli, l-Italja meta twieled il-minuri
VI. L-Isem u l-kunjom tal-ġenituri tal-esponent – K B (il-missier) u I J (l-omm)
VII. Missier l-esponent miet fis-sena elfejn u sitta (2006) u għalhekk ma kienx ħaj meta twieled il-minuri, filwaqt li omm l-esponent kienet ħajja

Illi għalhekk it-tielet eċċezzjoni tal-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ġiet sorvolata.

<u>Provi Konvenuta</u>

Waqt l-udjenza tat- 13 ta' Ġunju, 2023, l-avukat difensur tal-konvenuta ddikjarat li m'għandha l-ebda prova xi tressaq ħlief li titratta dwar il-kap tal-ispejjeż

<u>Provi Xjentifiċi</u>

Illi l-aqwa prova f'kawżi bħal din, u li jegħlbu kwalsiasi preżunzjoni legali, huma t-testijiet xjentifiċi u ġenetiċi, debitament maħlufa,

Illi fil-każ odjern skont id-*DNA Paternity Test Report* redatt minn Dr Marisa Cassar, rapport numru PT22-1497[26] ġie kkonfermat permezz ta' affidavit tal-espert datat 11 ta' Lulju, 2022, esebit in atti fejn ġie ċertifikat li l-attur A B ID Nru X hu l-missier naturali tal-minuri G H E F li twieled fid- 29 ta' Settembru, 2020

[24] Fol 81
[25] Fol 47
[26] Fol 58

Illi għalhekk il-Qorti tara li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex tilqa' t-talbiet tal-attur in kwantu dawna jirrigwardaw id-dikjarazzjoni ta' paternita. B'hekk ġiet sorvolata wkoll it-tieni eċċezzjoni tad-Direttur Reġistratur;

DWAR IL-KUNJOM TAL-MINURI

Illi l-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku espona tramite ir-raba` eċċezzjoni tiegħu, illi l-partijiet għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandu jassumi l-minuri Pedro Fabian u dan a tenur tal-Artikolu 92 (6) tal-Kap 16.

Il-minuri G H illum għandu tlett (3) snin. Rat li l-partijiet iddikjaraw quddiem din il-Qorti li qegħdin jaqblu li l-kunjom tal-minuri għandu jkun "E F B", hekk kif jirriżulta skont dak ivverbalizzat mill-partijiet waqt l-udjenza tat-13 ta' Ġunju, 2023[27].

Għaldaqstant, ir-raba` eċċezzjoni tad-Direttur konvenut ġiet sorvolata wkoll. Konsegwentement, il-Qorti mhijiex ser tilqa' t-tielet talba tal-attur, peress li l-kunjom tal-minuri G H m'għandux ikun 'B' iżda "E F B." Il-Qorti tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel annotazzjoni f'dan ir-rigward fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri innumerat ħamest elef mitejn u ħdax tas-sena elfejn u għoxrin [5211/2020].

Dwar il-Kap tal-Ispejjeż

Jirriżulta illi fir-raba` premessa tar-rikors promotur tiegħu, l-attur jirreferi għall-ittra uffiċjali numru 99/2020 datata 22 t' Ottubru, 2020 fejn jgħid li interpella lill-konvenuta ai termini tal-artikolu 86 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti tinnota li filwaqt li din l-ittra ma ġietx esebita fl-atti, jiirriżulta li fir-risposta ġuramentata tagħha, il-konvenuta omm, tgħid hekk fir-raba` eċċezzjoni tagħha:

*"Illi rigward l-ispejjeż mitluba mill-attur fir-rikors ġuramentat, l-esponenti tiddikjara li kien l-istess attur li waqt li kien preżenti hawn Malta, huwa kien infurmaha li ma kellhiex għalfejn tinkwieta dwar l-ittra uffiċjali li kienet irċeviet u li kollox kien ser ikun sew. Hija, bħala persuna barranija u li mhix familjari ma' kif titħaddem il-proċedura f'pajjiżna, ma deherilhiex li kellha tirrispondi,*

[27] Fol 87

*iktar u iktar meta l-esponent ma tifhem xejn bil-Malti u ftit li xejn bl-ilsien Ingliż. Dawn kienu l-ilsna li bihom hija kienet notifikata meta rċeviet l-ittra uffiiċjali in kwistjoni."*

Illi dan il-punt ġie trattat mill-Avukati difensuri tal-partijiet waqt l-udjenza tat-13 ta' Ġunju, 2023.

Il-Qorti tinnota li l-attur ma ressaq l-ebda prova minn naħa tiegħu biex jindirizza dak li qalet il-konvenuta bil-ġurament tagħha fir-risposta ġuramentata fuq l-ittra uffiċjali li rċeviet. Il-kontestazzjoni trid issir fil-ġbir tal-provi u mhux fit-trattazzjoni finali.

Il-Qorti tirreferi pero` għall-affidavit t'omm l-attur u tinnota li ma sarilha l-ebda kontro-eżami.

B'hekk fiċ-ċirkustanzi l-Qorti tħoss li l-konvenuta m'għandhiex tbati l-ispejjeż kollha u l-Qorti taqbel mal-argument tal-avukat difensur tal-konvenuta meta fit-trattazzjoni tagħha qalet li se mai l-ispejjeż għandhom jinqasmu, u f'dan is-sens il-Qorti tħoss li l-attur għandu jħallas għall-ispejjeż tal-ittra uffiċjali, ladarba sat-trattazzjoni finali baqa' sieket dwar dak li eċċepiet il-konvenuta fir-risposta ġuramentata tagħha, filwaqt li l-kumplament tal-ispejjeż ta' din il-proċedura għandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta omm;

Tilqa' it-tieni u t-tielet eċċezzjoni tal-konvenuta omm';

Tilqa' in parte r-raba` eċċezzjoni tal-konvenuta omm;

U tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku billi :

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent u tiddikjara lill-attur huwa l-missier naturali u bijoloġiku tal-minuri G H E F.

2. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrent u konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-att tat-twelid tal-minuri G H E F, Att numru ħamest elef mitejn u ħdax tas-sena elfejn u għoxrin (5211/2020), huwa

jikkanċella l-kliem "missier mhux magħruf" u minflok jitniżżel l-isem ta' A B. Tordna wkoll li jitniżżlu, l-isem, il-kunjom u l-konnotati kollha tal-attur A B detentur tal-karta tal-identita` Taljana nru. Xli meta twieled il-minuri, huwa kellu erbgħin (40) sena, imwieled Napli, l-Italja u residenti Napli l-Italja iben K B u I J. Missier l-attur kien mejjet meta twieled il-minuri u dan skont dak indikat fin-nota tal-attur a fol 47.

3. Tiċħad it-tielet talba filwaqt li tordna illi l-minuri ikun magħruf bil-kunjom "E F B." Għaldaqstant, tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku iniżżel annotazzjoni ta' din id-deċiżjoni fuq l-att tat-twelid tal-minuri.

L-ispejjeż tal-ittra uffiċjali jitħallsu mill-attur filwaqt li l-ispejjeż tal-kawża inkluz dawk tal-espert forensiku jitħallsu ugwalment bejn il-partijiet